MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2014

Appell Civili Numru. 19/2009/1

**Anthony Bugeja**
***v.***
**L-Avukat Ġenerali u r-Reġistratur tal-Qrati Kriminali u Tribunali Kriminali**

1. Dan huwa appell tal-attur Anthony Bugeja minn sentenza mogħtija fis-26 ta’ Marzu 2013 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet, bl-ispejjeż, talba għal dikjarazzjoni li nkisrulu l-jeddijet tiegħu mħarsa taħt l-art. 39(1), (2), (5), (6)(*d*) u (10) u l-art. 45(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”], u l-artt. 6.1, 6.2, 6.3(d), 14 u 17 tal-

Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”].

2. L-ewwel qorti fissret hekk il-premessi u t-talbiet tal-attur u l-konsiderazzjonijiet li wassluha biex tiċħad dawk it-talbiet:

“Illi din hija azzjoni ta’ lment dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq u kontra d-diskriminazzjoni maħluqa (a) bid-deċiżjoni meħuda mill-intimat Avukat Ġenerali li jitlob li l-ġuri ta’ żewġ persuni mixlija flimkien b’reat, isir kull wieħed għal rasu, u (b) li l-Att tal-Akkuża maħruġ fil-konfront tagħhom it-tnejn jinbidel biex jindika li r-rikorrent jitqies bħala l-awtur tar-reat; u (ċ) bid-deċiżjoni meħuda mill-Qorti Kriminali b’degriet li laqgħet talba biex il-ġuri tal-persuna li oriġinarjament kien mixli flimkien mar-rikorrent jinstama’ qabel il-ġuri tar-rikorrent. Ir-rikorrent jisħaq li minħabba l-imsemmija ċirkostanzi, huwa se’ jġarrab preġudizzju proċedurali kbir minħabba li, sakemm iż-żewġ persuni kienu qegħdin ikunu akkużati flimkien, intilfu opportunitajiet dwar tressiq ta’ provi u ta’ xhieda li issa, li se’ jsiru ġurijiet separati, ma jistax jirrimedja aktar. Jgħid ukoll li l-fatt li l-ġuri tal-persuna l-oħra sejjer jinstama’ qabel tiegħu ser iqiegħdu f’diffikultajiet kbar dwar jekk għandux jagħti x-xiehda tiegħu bla ma jkun qiegħed jippreġudika l-pożizzjoni tiegħu fil-ġuri tiegħu. Jgħid li lintimat Avukat Ġenerali inqeda ħażin bis-setgħat tiegħu fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża, minħabba li attribwielu fatti li ma jinsabux imsejsa fuq il-provi miġbura, lanqas mad-daqqa t’għajn. Jgħid ukoll li d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali biex tawtorizza, fuq talba tal-istess intimat, li l-ġuri tiegħu u tal-persuna l-oħra jitmexxew għal rashom u li tal-persuna l-oħra jinstama’ qabel tiegħu kienet ġabitlu ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq billi sejra twassal għal nuqqas kbir ta’ trattament indaqs bejnu u l-persuna l-oħra, ittieħdet bla ma ngħata l-opportunità li jgħid il-fehma tiegħu u kif ukoll għaliex tikkostitwixxi għamla ta’ ġudizzju min-naħa tal-istess Qorti Kriminali li jikser il-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu bla ma dik l-istess Qorti jmissha jkollha xi sehem fl-għażla ta’ reat li għalih persuna li sejra tidher quddiemha se jkollha twieġeb;

“Illi l-intimati jwarrbu għal kollox l-ilmenti tar-rikorrent u … laqgħu billi qalu li l-ebda waħda mit-talbiet tiegħu ma

jistħoqqilha tintlaqa' għaliex ma ġarrab l-ebda ksur ta' xi wieħed mill-jeddijiet fondamentali tiegħu;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fl-10 ta' Ottubru tal-2005, inqatel b'tiri ta' arma tan-nar wieħed Albert Brian Rosso, qrib remissa li tinsab f'Marsaxlokk u li tagħmel parti mid-dar fejn kien jgħix ir-rikorrent;

"Illi jumejn wara l-qtil, il-Pulizija ġabret lil wieħed Piero di Bartolo bħala persuna suspettata. Fit-12 ta' Ottubru, 2005, di Bartolo ħalla stqarrija mal-Pulizija. Fid-19 ta' Ottubru, 2005, raġa' ta stqarrija oħra, wara li ngħata t-twissija li ma kienx marbut li jitkellem iżda li dak li jgħid sata' jintuża b'xiehda kontrih. Raġa' ta stqarrija oħra lill-Pulizija l-għada, fl-20 ta' Ottubru;

"Illi matul l-istħarriġ li kienet qiegħda tagħmel il-Pulizija Eżekutiva, kien issejjaħ ukoll ir-rikorrent u, wara li ngħata t-twissija li sata' ma jwieġeb xejn u li kulma jgħid sata' jintuża b'xiehda kontrih 'il quddiem, kien taha stqarrija fl-20 ta' Ottubru, 2005, iżda kien għażel li ma jiffirmahiex. L-għada, wara li ngħata l-imsemmija twissija, kien għamel stqarrija oħra u din id-darba għażel li jiffirmaha. Aktar tard dak inhar stess hu kien ta x-xiehda tiegħu dwar il-każ lill-Maġistrat Inkwirenti taħt ġurament. L-istess għamel di Bartolo;

"Illi fit-23 ta' Ottubru, 2005, di Bartolo raġa' ta stqarrija oħra;

"Illi fl-24 ta' Ottubru, 2005, il-Pulizija Eżekuttiva ressqet b'arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja lir-rikorrent u lil di Bartolo. Il-Pulizija xliethom bl-omiċidju ta' Rosso u bil-ħabi tal-katavru tiegħu u b'ġarr ta' arma tan-nar u li sparaw dik l-arma f'post abitat u pubbliku u li ippruvaw jostru t-traċċi tat-twettiq ta' reat. Fl-istess akkuża, il-Pulizija xlew lir-rikorrent (waħdu) bil-pussess ta' arma tan-nar u munizzjoni mingħajr awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija; filwaqt li xlew lil di Bartolo (waħdu) bil-pussess ta' armi tan-nar u munizzjoni mingħajr awtorizzazzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija u li naqas li jagħti avviż tagħhom lill-Kummissarju meta ġew f'idejh;

"Illi wara li sar il-proċess tal-kumpilazzjoni, l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabet li kien hemm biżżejjed provi biex l-imputati jitqiegħdu taħt Att ta' Akkuża. Fis-7 ta' Mejju, 2008, l-intimat Avukat Ġenerali

ħareġ Att ta' Akkuża wieħed kontra r-rikorrent u di Bartolo. Fit-28 ta' Mejju, 2008, ir-rikorrent ressaq in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu u l-lista tax-xhieda għall-finijiet tal-artikolu 438(2) tal-Kodiċi Kriminali;
“Illi b'degriet mogħti fis-27 ta' Ottubru, 2008, il-Qorti Kriminali awtorizzat il-korrezzjoni tal-Att tal-Akkuża;
“Illi f'Novembru tal-2008, l-intimat Avukat Ġenerali ħareġ Att ta' Akkuża ieħor mibdul kontra r-rikorrent u di Bartolo. F'dan l-Att tal-Akkuża, r-rikorrent kien mixli, fl-Ewwel Kap, ta' qtil volontarju ta' Brian Rosso filwaqt li di Bartolo kien mixli b'kompliċità fl-istess reat. Fit-3 ta' Diċembru, 2008, ir-rikorrent ressaq in-Nota għall-finijiet tal-imsemmi artikolu 438(2) tal-Kap 9, b'riferenza għall-Att ta' Akkuża kif mibdul. Fl-imsemmija Nota, huwa eċċepixxa (a) l-iżball fl-Att tal-Akkuża għall-finijiet tal-artikoli 449(1)(*b*) u (*ġ*) tal-Kap 9; (b) li l-artikoli tal-liġi li jissemmew fl-Att tal-Akkuża ma nkitbux sewwa kif irid l-artikolu 589(*d*) tal-istess Kodiċi; (ċ) li l-fatti kif imfissra fil-parti narrativa ta' kull wieħed mit-tliet Kapi tal-imsemmi Att tal-Akkuża jiksru d-“drittijiet kostituzzjonali tal-imputat” u għalhekk talab li l-Qorti tirreferi l-kwestjoni lil Qrati ta' ġurisdizzjoni Kostituzzjonali sabiex jingħata rimedju opportun; u (d) li d-deċiżjoni li l-Avukat Ġenerali jagħżel min, miż-żewġ ko-akkużati, huwa l-awtur tal-qtil u min hu l-kompliċi tikser il-jeddijiet tiegħu u talab li jingħata permess biex, fi żmien sitt xhur min-notifika, jitħalla jressaq azzjoni taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;
“Illi waqt is-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2009, fid-dawl ta' eċċezzjonijiet ġodda li r-rikorrent qajjem fir-rigward tal-Att tal-Akkuża maħruġ kontrih, il-Qorti Kriminali tat degriet li bih, minflok għamlet ir-Riferenza fuq il-“kwestjoni” kostituzzjonali mqanqla minnu f'waħda minn dawk l-eċċezzjonijiet, tat lill-istess rikorrent wieħed u għoxrin (21) jum żmien biex jiftaħ kawża dwar l-ilment tiegħu ta' ksur tal-jeddijiet fondamentali tiegħu;
“Illi fl-1 ta' April, 2009, l-intimat Avukat Ġenerali ressaq rikors quddiem il-Qorti Kriminali li fih talab li l-proċeduri b'ġuri fil-konfront tar-rikorrent u ta' di Bartolo jinstemgħu għal rashom, b'dak kontra di Bartolo jinstama' l-ewwel wieħed u dak kontra r-rikorrent jinstama' wara li jkun intemm il-ġuri ta' di Bartolo. B'degriet mogħti fit-2 ta' April, 2009, il-Qorti Kriminali laqget it-talba tal-Avukat Ġenerali;

"Illi fis-6 ta' April, 2009, ir-rikorrent fetaħ din il-kawża;
"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali li din il-Qorti hija mistiedna tistħarreġ f'dan il-każ, jidher li dawn jintrabtu ma' żewġ ordni ta' ħsieb. L-ewwel wieħed jirrigwarda l-kwestjoni tal-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq, filwaqt li t-tieni jirrigwarda l-kwestjoni tat-trattament differenti diskriminatorju li jġib ħsara lir-rikorrent. Jidher li r-rikorrent jorbot it-tieni lment mal-ewwel wieħed. Mill-premessi li ssenslu fir-Rikors promotur u mis-sottomissjonijiet magħmula fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, r-rikorrent iqis li l-imsemmi ksur seħħ l-aktar minħabba l-mod kif l-intimat għażel li jwettaq id-diskrezzjonijiet tiegħu dwar l-attribuzzjonijiet ta' fatti fil-konfront tiegħu u tal-mod kif għażel liema proċeduri jibdew l-ewwel u kontra min. Fi grad anqas, ir-rikorrent iqis ukoll li l-jeddijiet tiegħu nkisru wkoll minn degriet (dak li ngħata fit-2 ta' April, 2009, li ordna s-separazzjoni tal-proċedimenti) mogħti mill-Qorti Kriminali għaliex ingħata bla ma qabel semgħet hu x'kellu xi jgħid dwar it-talbiet tal-intimat, u wkoll għaliex, b'effett tiegħu, mhux se jkun hemm "*equality of arms*" fil-ġuri li se jsir kontrih;
"Illi qabel ma l-Qorti tqis dawn l-ilmenti tar-rikorrent, jixraq li tikkunsidra l-eċċezzjonijiet preliminari mqajma mill-intimati … li l-intimat Reġistratur (Qrati u Tribunali Kriminali) ma kienx postu f'din il-kawża.
"… … …
"Illi għar-rigward [ta' din l-]eċċezzjoni preliminari l-Qorti jidhrilha li din hija tajba. L-intimat Direttur (Qrati u Tribunali Kriminali) ma kellu l-ebda sehem fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża maħruġa kontra r-rikorrent. Lanqas ma kien imdaħħal fl-għażla li jitlob il-firda fis-smigħ tal-ġurijiet tal-istess rikorrent u dak ta' di Bartolo. L-iskedar tas-smigħ tal-ġurijiet huwa għamil amministrattiv li r-Reġistratur imsemmi ma jidhirx li jieħu minn rajh u f'kull każ isir b'konsultazzjoni mal-Qorti Kriminali. Huwa minnu li l-ħames talba tar-rikors promotur hija indirizzata lejn l-intimat Direttur, iżda dan ma jirrendix lill-istess intimat kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi, għaliex dik it-talba hija l-effett biss tat-talbiet l-oħrajn li saru qabilha u li jittrattaw tassew l-ilment tal-ksur tal-jeddijiet fondamentali tar-rikorrent (li l-leġittimu kontradittur tagħhom huwa l-intimat l-ieħor waħdu) u tiddependi għal kollox minnhom;

"Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' din l-eċċezzjoni preliminari u teħles lill-intimat Direttur (Qrati u Tribunali Kriminali) milli jibqa' aktar fil-kawża;

"Illi l-Qorti sejra issa tgħaddi biex l-ewwel tistħarreġ l-ilment tar-rikorrent dwar il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. F'dan ir-rigward, ir-rikorrent jilminta li b'dak li ġara huwa ġarrab ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39(1), (2), (5), (6)(*d*) u (10) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6(1), (2) u (3)(*d*) tal-Konvenzjoni;

"Illi l-Kostituzzjoni tipprovdi li *"(1) Kull meta xi ħadd ikun akkużat b'reat kriminali huwa għandu, kemm-il darba l-akkuża ma tiġix irtirata, jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'liġi. (2) Kull qorti jew awtorità oħra ġudikanti mwaqqfa b'liġi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali; u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorità oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli. ... (5) Kull min jiġi akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm jiġi pruvat jew ikun wieġeb li huwa ħati: Iżda ebda ħaġa li hemm fi jew magħmula skond l-awtorità ta' xi liġi ma titqies li tkun inkonsistenti ma' jew bi ksur ta' dan is-subartikolu safejn dik il-liġi timponi fuq xi persuna akkużata kif intqal qabel il-piż tal-prova ta' fatti partikolari. (6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali - ... (d) għandu jiġi mogħti faċilitajiet biex jeżamina personalment jew permezz tar-rappreżentant legali tiegħu x-xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni quddiem kull qorti u jikseb l-attendenza ta' xhieda suġġett għall-ħlas tal-ispejjeż raġonevoli tagħhom, u jagħmel l-eżami tax-xhieda li jkunu ser jixhdu għalih quddiem il-qorti bl-istess kondizzjonijiet bħal dawk li jgħoddu għal xhieda msejħa mill-prosekuzzjoni; ... (10) Ebda persuna li tgħaddi proċeduri għal reat kriminali ma għandha tkun obbligata li tixhed fil-proċeduri kontra tagħha*";

"Illi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet imsemmija mir-rikorrent, il-Konvenzjoni tipprovdi li "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u l-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u*

*imparzjali mwaqqaf b'liġi. ...*". L-artikolu 6(2) jipprovdi li "*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skond il-liġi*". Filwaqt li l-artikolu 6(3) tal-istess Konvenzjoni jipprovdi li "*Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin: ... (d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu*";

"Illi r-rikorrent jgħid li m'huwiex ser jingħata smigħ xieraq minħabba li (i) l-intimat għażel li jemmen il-verżjoni ta' di Bartolo u b'hekk iqis lir-rikorrent bħala l-awtur tal-qtil, meta l-provi ma jsostnux dan imqar mad-daqqa t'għajn; (ii) d-degriet mogħti mill-Qorti Kriminali fit-2 ta' April, 2009, li jifred il-proċess kontrih minn dak kontra di Bartolo se' jġiblu ksur tar-regola li, f'proċess kriminali, kull persuna mixlija għandha l-jedd għas-skiet u li ma tixhidx; (iii) mill-mod kif tfassal l-Att tal-Akkuża hu se' jġarrab ksur tar-regola li kull persuna mixlija titqies innoċenti sakemm tinstab ħatja u wkoll (iv) li se' jkollu jirrinunzja għall-jedd tiegħu li jibqa' sieket billi se' jkun imġiegħel miċ-ċirkostanzi biex jixhed fil-ġuri kontra di Bartolo (u wisq probabbli fil-ġuri tiegħu wkoll, jekk kemm-il darba di Bartolo jissejjaħ b'xhud tal-Prosekuzzjoni fil-ġuri tal-istess rikorrenti) ħalli jkun jista' juri li m'għandux ħtija fil-qtil ta' Rosso;

"Illi l-Qorti tagħmilha ċara li m'hijiex sejra tidħol fil-kwestjoni tal-apprezzament tal-fatti u ċ-ċirkostanzi marbuta mal-każ tal-qtil ta' Rosso. Dan m'huwiex xogħolha f'din il-kawża u lanqas għandha quddiemha l-atti kollha. Sejra tqis l-ilmenti tar-rikorrent biss fil-qafas tal-għamla ta' azzjoni mressqa minnu, jiġifieri dik dwar jekk huwiex minnu li huwa ġarrab jew ser iġarrab ksur ta' xi wieħed jew aktar mill-jeddijiet fundamentali tiegħu kif imħarsin mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni;

"Illi l-ewwel ilment tar-rikorrent jattakka l-eżerċizzju tal-intimat dwar il-mod kif fassal l-Att tal-Akkuża mressaq kontrih u, b'mod partikolari, f'dik il-parti tal-Att li jsemmi l-fatti li dwarhom inħarġu l-akkużi. Hawnhekk jidħol l-artikolu 589(*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali li jgħid li "*L-att tal-akkuża jsir f'isem ir-Repubblika ta' Malta, u għandu - ... (ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż-żmien u l-lok li fihom ikun*

*sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ-ċirkostanzi kollha li, skond il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena ...*". Ir-rikorrent jixli lill-intimat li nqeda b'mod arbitrarju u ħażin b'dik id-diskrezzjoni billi mexa ma' dak li ħass minflok ma' dak li ħareġ mill-atti tal-kumpilazzjoni. Għalhekk, minflok ma l-intimat qies lil di Bartolo bħala l-awtur tal-qtil, qies li kien hu (r-rikorrent) l-awtur tad-delitt u b'hekk għabbih bi ħtija li ma toħroġx mill-atti proċesswali. Ir-rikorrent jgħid li, tal-anqas, fl-Att tal-Akkuża l-intimat messu semma ż-żewġ verżjonijiet li taw hu u di Bartolo u mbagħad iħalli lill-ġurati jqisu liema minnhom għandha mis-sewwa. Ir-rikorrent jgħid li, b'dan il-mod ta' mġiba tal-intimat, issa sejjer jitqiegħed f'pożizzjoni li, minflok se' jibqa' jgawdi l-prinċipju bażiku li jkun meqjus innoċenti sakemm jinstab ħati u li m'għandu għalfejn jipprova xejn, issa se' jkun meħtieġ li jipprova l-innoċenza tiegħu bi ksur tal-imsemmi prinċipju;

"Illi min-naħa tiegħu l-intimat jgħid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jgħoddux għal degrieti interlokutorji. Kemm id-degriet tas-16 ta' Marzu, 2009 (li ma laqax it-talba tar-rikorrent biex il-Qorti Kriminali tirreferi l-"kwestjoni" lil qorti kompetenti) u kemm dak tat-2 ta' April, 2009 (li laqa' t-talba tal-intimat Avukat Ġenerali biex jifred il-proċess tar-rikorrent minn dak ta' di Bartolo) huma degrieti interlokutorji li ma iddisponewx mill-mertu tal-proċedura mibdija kontra r-rikorrent. L-intimat jisħaq li bl-imsemmija degrieti, ir-rikorrent lanqas ġarrab xi ħsara billi l-jeddijiet tiegħu għal smigħ xieraq baqgħu bla mittiefsa u għal kollox imħarsa. Fuq kollox, l-eżerċizzju li wettaq biex fassal u ħareġ l-Att tal-Akkuża segwa l-ħtiġiet tal-liġi u sar bil-konvinċiment sħiħ li dan kien fl-aħjar interess ta' kull min huwa mdaħħal fil-każ. Minkejja l-għażla magħmula minnu u t-talba li ż-żewġ proċessi jitmexxew għal rashom, la r-rikorrent u lanqas di Bartolo ma sejrin jitilfu l-possibilità li jingħataw smigħ xieraq fil-każijiet rispettivi tagħhom;

"Illi l-Qorti tqis li, filwaqt li tifhem l-argument tar-rikorrent, it-tfassila tal-Att tal-Akkuża u l-għażla mwettqa mill-intimat f'dik it-tfassila ma jwasslux għall-ksur ta' jedd għal smigħ xieraq li r-rikorrent jgħid li se' jġarrab. Dan jingħad għaliex, fl-ewwel lok, it-tismija tal-fatti f'Att ta' Akkuża jservi biex isejjes it-talba li ssir minnu f'kull kap tal-istess Att. Fit-tieni

lok, dik it-tismija m'hijiex prova fiha nnifisha, iżda biss fehma li tfisser għaliex ikunu tressqu l-kapi tal-akkuża li jagħmlu mill-Att tal-Akkuża. Il-prosekuzzjoni trid tipprova xorta waħda u fil-grad lil hinn minn kull dubju raġonevoli dak kollu li tallega għas-sudisfazzjon tal-ġurija. Għalhekk, l-għażla mwettqa mill-intimat ma ssarrafx f'sejbien minn qabel tal-ħtija tar-rikorrent. Fit-tielet lok, it-twettiq tad-diskrezzjoni mħolli fl-Avukat Ġenerali fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża huwa għamil li tipprovdi għalih il-liġi nnifisha, u dan mhux biss fl-attribuzzjoni tal-fatti addebitati lill-persuna mixlija. Fir-raba' lok, it-twettiq ta' diskrezzjoni minnu nnifsu jimplika li ssir għażla mill-persuna li lilha hija mogħtija diskrezzjoni bħal dik: fejn ma jkunx hemm għażla, ma jkun hemm l-ebda diskrezzjoni, iżda sempliċi impożizzjoni awtomatika. Fil-ħames lok, dik l-għażla li tingħata lill-intimat fit-tfassila tal-Att tal-Akkuża torbot lill-istess intimat u hija mħarsa minn regoli preskritti fil-liġi li, ladarba l-persuna akkużata tkun wieġbet għax-xilja, ma tistax tqiegħed lill-persuna mixlija f'qagħda agħar u tkun torbot ukoll lill-Avukat Ġenerali nnifsu. B'dan il-mod, il-Qorti tqis li b'hekk titneħħa l-biża' tal-arbitrarjetà u l-imġiba abbużiva li tista' ttebba' kull għamil diskrezzjonarju li ma jkunx intuża sewwa;

"Illi dwar it-tieni lment, (jiġifieri d-degriet tat-2 ta' April, 2009, li bih il-Qorti Kriminali ordnat li l-ġuri kontra r-rikorrent u dak kontra di Bartolo jsiru għal rashom u li ta' di Bartolo jsir l-ewwel) ir-rikorrent jisħaq li bih ukoll ġarrab jew ser iġarrab ksur tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq u jissottometti li dak id-degriet qatt ma jmessu ngħata. Fl-ewwel lok, huwa jilminta mill-fatt li l-Qorti msemmija ma tatux l-opportunità li jsemma' l-fehma tiegħu qabel ma tat id-degriet u wara li l-intimat talab li ż-żewġ ġurijiet jimxu separatament. Fit-tieni lok, huwa jgħid li biex ma jseħħx ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (kemm għalih u kif ukoll għal di Bartolo) t-talba tal-intimat ma jmissha ntlaqgħet qatt, għaliex "smigħ xieraq" ma jfissirx biss smigħ ta' kawża li timxi mar-regoli proċedurali, iżda wieħed li jseħħ "għar-riċerka tal-verità skond il-liġi u fl-aħjar interess tal-ġustizzja". Fit-tielet lok, jgħid li għadd ta' xhieda li huwa kien talab li jinstemgħu fil-każ tiegħu (meta l-Att tal-Akkuża kien għadu jorbot lilu u lil di Bartolo flimkien) mhux se' jkunu jistgħu jinstemgħu fil-ġuri kontra di Bartolo, u

dan tabilfors se' jxekkel it-tiftix tas-sewwa. Fir-raba' lok, ir-rikorrent iqajjem ukoll il-kwestjoni li, minħabba li l-ewwel ġuri se' jkun dak kontra di Bartolo – li, skond l-Att tal-Akkuża kif mibdul, huwa mixli b'kompliċità fil-qtil ta' Rosso – se' jiġri li persuna se' tkun mixlija b'kompliċità f'reat fejn l-awtur tiegħu ma jkunx għadu nstab ħati. Huwa jgħid li dan se' jħalli wieħed minn żewġ effetti, u jiġifieri, li jew persuna se' tkun instabet ħatja ta' kompliċità f'reat li fih ma jkunx għad hemm verdett ta' ħtija fl-awtur jew li, minħabba li l-kompliċi jista' jinstab ħati qabel l-awtur, il-proċeduri kontrih bħala l-awtur se' jkunu preġudikati bis-sejbien tal-ħtija tal-kompliċi. Fil-ħames lok, huwa jisħaq li t-tifsira xierqa tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni sservi biex jista' jingħad li kien hemm ksur tal-istess jedd mhux biss fejn il-persuna tkun ġarrbet ksur minħabba s-smigħ li ngħatat, iżda wkoll fejn ikun hemm il-probabiltà li ser ikun hemm ksur bħal dak, meqjus il-proċediment fil-ġabra sħiħa tiegħu. Ir-rikorrent jinqeda b'dan l-argument biex isaħħaħ il-fehma li mhux se' jkollu smigħ xieraq u li qatt ma sejra titħares ir-regola tal-"*equality of arms*";

"Illi, min-naħa tiegħu, l-intimat jgħid dan it-tħassib tar-rikorrent m'huwiex aktar minn spekulazzjoni. Jisħaq li l-firda fil-proċediment bejn dak kontra r-rikorrent u dak kontra di Bartolo hija ċirkostanza li kemm-il darba ssir fis-sistema proċedurali Malti u ma tnissilx, minnha nnifisha, ksur ta' xi garanzija proċedurali mħarsa kemm mill-Kostituzzjoni u kif ukoll mill-Konvenzjoni fir-rigward tal-persuna mixlija. Itenni li hija għal kollox l-għażla tar-rikorrent jekk jagħżilx li jixhed u ħadd u xejn ma jista' jġiegħlu jagħmel dan bħalma ħadd ma jista' jżommu milli jagħmel dan jekk irid. L-intimat jisħaq li l-firda fil-proċedimenti bejn ir-rikorrent u di Bartolo ma xejnu la l-jedd tar-rikorrent li jibqa' preżunt innoċenti sakemm jintwera mod ieħor u lanqas il-jedd tiegħu li jibqa' sieket u ma jipprova xejn. Jgħid li d-degriet tal-Qorti Kriminali li bih il-każijiet kontra r-rikorrent u kontra di Bartolo jinstemgħu għal rashom mhux biss m'huwiex ta' ħsara għar-rikorrent, imma huwa ta' vantaġġ għalih għaliex b'dan il-mod il-każ tiegħu se' jsir quddiem ġurija għalih u mhux aktar l-istess ġurija li tkun trid tiddeċiedi dwar il-ħtija tiegħu u ta' di Bartolo fl-istess proċediment;

"Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis li huwa siewi ħafna li tgħid li "*l-jedd li jagħtu l-Kostituzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq: ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b'reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta' għemilu. Il-jedd għal smigħ xieraq jingħata kemm biex, wara proċess fi żmien raġonevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex ħati ma jeħilx bi ħtija, u biex jingħata l-mezzi kollha meħtieġa għalhekk, u kemm biex min huwa tassew ħati ma jaħrabx il-konsegwenzi tal-ħtija tiegħu. Il-jedd għal smigħ xieraq ma jingħatax biex min hu tassew ħati jasal biex, b'xi mod jew b'ieħor, ma jweġibx tal-ħtija tiegħu. Jekk il-jedd għal smigħ xieraq, kif interpretat u applikat, iwassal għal hekk, mela hemm xi ħaġa ħażina ħafna fis-sistema tal-ħarsien tad-drittijiet*";

"Illi hija l-liġi nnifisha li tagħti s-setgħa li ssir il-firda tal-kawżi fejn żewġ akkużati jew aktar jkunu nġabu flimkien f'Att ta' Akkuża wieħed. Din is-setgħa l-Qorti Kriminali twettaqha fuq talba tal-Avukat Ġenerali. Fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha dan hu dak li sar. Huwa minnu li r-rikors tal-intimat Avukat Ġenerali ma fihx xi motivazzjoni dettaljata biex tfisser għaliex kien qed jitlob il-firda tal-proċedimenti; u huwa minnu wkoll li l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba li saritilha bla ma semgħet il-fehma tar-rikorrent. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dan ma jġibx il-konsegwenza awtomatika li nkiser il-jedd fundamentali tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Huwa magħruf u ġeneralment miżmum li l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni ma jgħoddx dwar degrieti interlokutorji u li dak l-artikolu jrid jitqies fil-qafas tal-proċediment sħiħ li jkun. Il-Qorti tqis li, minkejja l-ordni li l-ġuri tiegħu jinstama' għalih waħdu u wara dak li jkun għadda di Bartolo, dan ma taffa bl-ebda mod il-piż li jaqa' fuq il-Prosekuzzjoni biex tipprova kif imiss il-każ tagħha. Ix-xenarji li jpinġi r-rikorrent bħala effett tad-degriet huma lkoll imħarsin mir-regoli misjuba fil-liġi biex il-każ tar-rikorrent ma jitmexxiex bi ksur ta' xi garanzija fundamentali. Jista' jkun li, minħabba l-firda bejn proċediment u ieħor, id-difiża tal-każ min-naħa tar-rikorrent issir iżjed iebsa, iżda l-garanzija tal-jedd għal smigħ xieraq, kif ingħad qabel, bl-ebda mod ma tfisser li l-

parti mixlija tingħata l-għodda biex akkost ta’ kollox teħles mix-xiljiet li jsiru kontra tagħha jew li, saħansitra, tingħata l-jedd li tagħżel hi dawn l-għodda;
“Illi l-prinċipju tal-“*equality of arms*”, fil-qafas ta’ proċediment kriminali “*where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court’s opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment*”. Dawn jidher li huma l-garanziji mistennija biex jista’ jingħad li tkun tħarset ir-regola tat-trattament indaqs tal-partijiet. Mis-sottomissjonijiet kollha li saru u wkoll mix-xhieda mressqa mir-rikorrent innifsu, il-Qorti ma tarax kif ir-rikorrent jista’ jgħid li tneħħewlu l-imsemmija garanziji jew xi waħda minnhom bil-fatt waħdu li l-Qorti Kriminali laqgħet it-talba tal-intimat li l-ġuri tiegħu jimxi għalih u mhux ukoll flimkien ma’ dak kontra di Bartolo. Għalhekk, fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u b’żieda ma’ dawk li saru aktar qabel, il-Qorti ma tarax lanqas li nkisret ir-regola li jingħata trattament indaqs bejnu u l-prosekuzzjoni li b’xi mod iġġib magħha ksur tal-jedd fundamentali minnu invokat;
“Illi dwar it-tielet ilment, ir-rikorrent jgħid li tqiegħed f’qagħda fejn m’għadux meqjus aktar innoċenti, imma meqjus ħati u ser taqa’ fuq l-ħtieġa li “jipprova l-inverità” tal-fatti attribwiti lilu. Jgħid li dan ġara wkoll bis-sehem tal-Qorti Kriminali li laqgħet it-talba tal-intimat mhux biss li tibdel l-Att tal-Akkuża, iżda li tilqa’ t-talba biex il-ġuri tiegħu jitmexxa għal rasu wara dak kontra di Bartolo. Huwa jgħid li, b’dan il-mod, il-Qorti ndaħlet f’sura ta’ ġudizzju li wera li hija wkoll ma kenitx tqis lilu aktar bħala preżunt innoċenti billi “ipparteċipat f’deċiżjoni dwar it-tip ta’ akkuża li għandu jirrispondi għaliha”;
“Illi hawnhekk ukoll jgħoddu xi wħud mill-konsiderazzjonijiet li ntgħamlu aktar qabel, għaliex wara kollox dan l-ilment jintiseġ sfiq mal-ilmenti l-oħrajn kollha.

Il-Qorti żżid li biex tassew jitħares il-prinċipju msemmi, huwa meħtieġ li qorti li quddiemha titressaq persuna mixlija trid tqis lil dik il-persuna bħala innoċenti u li ssibha ħatja biss jekk kemm-il darba titressaq xhieda tajba, b'saħħitha u fuq il-bażi ta' provi validi u leġittimi. Kif ingħad, "*... the principle of the presumption of innocence ... requires, inter alia, that when carrying out their duties, the members of a court should not start with the preconceived idea that the accused has committed the offence charged; the burden of proof is on the prosecution, and any doubt should benefit the accused. It also follows that it is for the prosecution to inform the accused of the case that will be made against him, so that he may prepare and present his defence accordingly and to adduce evidence sufficient to convict him*". Minn din is-silta, wieħed jara li r-regoli dwar il-preżunzjoni ma jorbtux lill-intimat Avukat Ġenerali fil-funzjoni tiegħu ta' prosekutur, imma jorbtu lill-Qorti. Fil-każ ta' qorti ta' indoli kriminali dan jgħodd kemm għall-imħallef togat u kif ukoll għall-imħallfin tal-fatti (jiġifieri l-ġurija);

"Illi jekk wieħed jiġbor l-ilmenti kollha magħmula mir-rikorrent f'din il-kawża, wieġed isib li l-biċċa l-kbira minnhom jimmiraw fuq l-intimat Avukat Ġenerali. Bħala l-persuna li tmexxi l-prosekuzzjoni, il-fatt li l-intimat ikollu l-fehma li l-persuna mixlija hija ħatja ma jwaqqax il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza ta' dik il-persuna. Huwa mistenni li l-prosekuzzjoni tkun konvinta mill-każ tagħha: u sakemm twettaq ix-xogħol tagħha billi tressaq provi tajba biżżejjed biex issejjes il-każ tagħha u li dan tagħmlu bi tħaris tar-regoli preskritti ta' mġiba proċedurali korretta, ma jkun hemm l-ebda ksur tal-jedd tal-persuna mixlija li titqies innoċenti. Kif tifhimha l-Qorti, l-ħarsien tal-preżeunzjoni torbot lil min huwa msejjaħ biex jiġġudika lill-persuna mixlija u mhux lil min qed jixliha. Issa, taħt dan l-ilment ir-rikorrent jgħid li l-Qorti Kriminali nnifisha kisret il-preżunzjoni meta aċċettat il-bidla fl-Att tal-Akkuża (biex ir-rikorrent jibda jitqies bħala l-awtur tal-qtil minflok di Bartolo) u meta tat id-degriet li laqgħet it-talba tal-intimat Avukat Ġenerali li ssir il-firda fil-proċessi bejn dak tar-rikorrent u dak ta' di Bartolo. Ir-rikorrent saħansitra jgħid li, waqt is-smigħ tas-16 ta' Marzu, 2009, ngħadda minn dik il-Qorti xi "kumment *obiter*". Il-Qorti hija tal-fehma li fl-ebda

waħda miż-żewġ ċirkostanzi ma jista' jingħad li l-Qorti Kriminali tat xi fehma jew għaddiet xi ġudizzju dwar il-ħtija tar-rikorrent. Minbarra dan, qari tal-verbal tas-seduta msemmija33 mkien ma juri li l-Qorti Kriminali b'xi mod żbilanċjat ruħha biex uriet xi fehma jew ittradiet xi xaqliba 'l hawn jew 'l hinn dwar il-ħtija jew l-innoċenza tar-rikorrent;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan l-ilment tar-rikorrent huwa mistħoqq;

"Illi r-raba' lment tar-rikorrent huwa li, minħabba kif żvolġew l-affarijiet, huwa ser ikun imġiegħel jirrinunzja għall-jedd tiegħu li jibqa' sieket. Fis-sewwa, il-Qorti stħarrġet dan l-ilment aktar qabel u xejn ma għandha xi żżid. Għall-kuntrarju, tul in-Nota tal-Osservazzjonijiet tiegħu, ir-rikorrent jgħid li x'aktarx li l-prosekuzzjoni lanqas biss sejra ssejjaħlu b'xhud tagħha fil-ġuri kontra di Bartolo. Jibqa' l-kwestjoni dwar jekk huwiex se jkun imġiegħel jixhed fil-ġuri tiegħu biex jirribatti x-xiehda li di Bartolo jista' jagħti jekk jissejjaħ b'xhud tal-prosekuzzjoni. Il-Qorti hija tal-fehma li biex ir-rikorrent ikun jista' jiddefendi sewwa u kif imiss il-każ tiegħu fil-ġuri li se' jsir kontrih, mhux tabilfors li jagħti x-xiehda tiegħu. M'hemmx għalfejn tkun din il-Qorti biex tgħid li r-rikorrent, debitament mgħejjun minn avukat ta' ħila, għandu quddiemu mezzi xierqa kif jista' jwaqqa' x-xiehda li di Bartolo jagħti kontrih. Dawn il-meżżi ma jitolbux li r-rikorrent jinża' l-jedd tiegħu li jibqa' sieket tul il-proċess li jitmexxa kontrih u jekk kemm-il darba se' jagħżel li joffri x-xiehda tiegħu dan se' jkun qed jagħmlu għaliex irid u għax hekk ikun jaqbel u mhux għaliex imġiegħel. Dak li ngħad qabel dwar id-diffikultà tal-każ jgħodd hawn ukoll;

"Illi, fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ssib li lanqas dan l-ilment ma huwa mistħoqq u ma tarax ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq;

"Illi għal dak li jirrigwarda l-ilment ta' ħarsien minn trattament diskriminatorju r-rikorrent ma ressaq l-ebda sottomissjoni partikolari fin-Nota ta' Osservazzjonijiet tiegħu. Wieħed forsi jista' jifhem li r-rikorrent sejjes dan l-ilment tiegħu fuq ir-rabta tal-argumenti li huwa ġab biex juri kif l-eżerċizzju tal-intimat biex iqisu bħala l-awtur u d-deċiżjoni tal-Qorti Kriminali biex tordna li ż-żewġ proċessi

jimxu għal rashom, kienu jissarrfu fi trattament diskriminatorju bi ħsara għalih;
"Illi r-rikorrent jgħid li seħħ ksur tal-jedd tiegħu skond artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni. L-artikolu 45(2) tal-Kostituzzjoni jgħid li "*Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (6), (7) u (8) ta' dan l-artikolu, ħadd ma għandu jiġi trattat b'mod diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tal-funzjonijiet ta' xi kariga pubblika jew xi awtorità pubblika*". L-artikolu 45(3) ifisser il-kelma 'diskriminatorju' bħala "*għoti ta' trattament differenti lil persuni differenti attribwibbli għal kollox jew prinċipalment għad-deskrizzjoni tagħhom rispettiva skond ir-razza, post ta' oriġini, opinjonijiet politiċi, kulur, fidi jew sess li minħabba fihom persuni ta' deskrizzjoni waħda bħal dawn ikunu suġġetti għal inkapaċitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn ma jkunux suġġetti għalihom jew ikunu mogħtija privileġġi jew vantaġġi li ma jkunux mogħtija lil persuni ta' deskrizzjoni oħra bħal dawn*". Imbagħad l-artikolu 45(8) jipprovdi li "*L-ebda ħaġa fis-subartikolu (2) ta' dan l-artikolu ma għandha tolqot xi diskrezzjoni dwar l-egħmil, tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri ċivili jew kriminali f'xi qorti li jkollha xi persuna bi jew skond din il-Kostituzzjoni jew xi liġi oħra*". Min-naħa l-oħra, l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni jgħid li "*t-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandha tiġi assikurata mingħajr diskriminazzjoni għal kull raġuni bħalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, reliġjon, opinjoni politika jew opinjoni oħra, oriġini nazzjonali jew soċjali, assoċjazzjoni ma' minoranza nazzjonali, proprjetà, twelid jew status ieħor*";
"Illi l-Qorti hija tal-fehma li, taħt il-Kostituzzjoni, l-ilment tar-rikorrent ma jistax jintlaqa'. Fil-każ tiegħu, għalkemm il-Kostituzzjoni trid li ma jsir xejn li bih persuna ġġarrab trattament diskriminatorju minn xi persuna li taġixxi fil-qadi tad-dmirijiet tagħha bis-saħħa ta' xi liġi miktuba jew fil-qadi tad-dmirijiet u l-funzjonijiet pubbliċi tagħha, ma tqisx li tkun imġiba kontra dak il-jedd meta l-għamil ikun jikkonsisti fit-twettiq ta' diskrezzjoni dwar tmexxija jew nuqqas ta' tkomplija ta' proċeduri kriminali f'xi qorti. Jekk wieħed japplika dawn id-dispożizzjonijiet għall-każ li l-Qorti

għandha quddiemha, wieħed jara li filwaqt li l-intimat Avukat Ġenerali huwa mistenni li jimxi mingħajr ma jiddiskrimina fil-qadi ta' dmirijietu skond il-liġi, it-twettiq minnu tad-diskrezzjoni mogħtija lilu taħt l-artikoli relativi tal-Kodiċi Kriminali (bħalma tassew hija d-diskrezzjoni mwettqa minnu fit-tfassila u l-ħruġ ta' Att ta' Akkuża) taqa' lil hinn mill-qies li jista' jittieħed biex wieħed jara jekk kienx hemm jew le ksur tal-jedd imħares fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;

"Illi, kif imfisser f'deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali, "*din il-kwestjoni tista' konċepibilment tiġi investita f'wieħed minn żewġ modi: jew wieħed jinvesti mill-ewwel il-kwestjoni jekk, fi kwalunkwe każ, kienx hemm diskriminazjoni għat-termini tal-artikolu 46(2) biex imbagħad, jekk jirriżulta li kien hemm, jara jekk din hijiex newtralizżata mill-artikolu 46(8), jew jinvesti mill-ewwel l-artikolu 46(8) biex imbagħad, jekk jirriżulta li fi kwalunkwe każ si tratta in ġenerali ta' eżerċizzju tad-diskrezzjoni hemm riferita, ma jidħol xejn fil-kwestjoni jekk kienx hemm jew le l-lamentata diskriminazzjoni taħt l-artikolu 46(2)*". Il-Qorti hija tal-fehma li minn dan joħroġ li l-ilment tar-rikorrent ma jistax jintlaqa' taħt il-profil tal-Kostituzzjoni;

"Illi l-Qorti trid tqis, għalhekk, jekk l-ilment tar-rikorrent huwiex mistħoqq taħt l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

"Illi għal dak li jirrigwarda t-tħaddim tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, wieħed jeħtieġ li jżomm quddiem għajnejh li (i) li dak l-ilment jeħtieġ li jkun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) t-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak;

"Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable*

*justification’. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the final decision as to observance of the Convention’s requirements rests with the Court*”;

“Illi kif ingħad b’mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f’dan ir-rigward: “*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta’ dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalità bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta’ dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*”;

“Illi fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha, ir-rikorrent jgħid li l- mod kif l-intimat wettaq id-diskrezzjoni tiegħu ġabet effett diskriminatorju bi ħsara għalih;

“Illi dwar l-imsemmija diskrezzjoni ngħad li minkejja li d-dispożizzjonijiet tal-liġi li jagħtu diskrezzjoni lill-intimat m’humiex fihom infushom diskriminatorji, madankollu, jibqa’ l-fatt li, minħabba n-natura aċċessorja tiegħu, biex jidħol u jinżamm fis-seħħ il-ħarsien mogħti bl-artikolu 14, l-għamil allegat li jkun diskriminatorju jrid ikun dwar xi dritt

maħsub fil-Konvenzjoni. Minbarra dan, jekk kemm-il darba t-trattament differenzjali li minnu wieħed jilmenta ma jkunx jaqa' taħt xi wieħed mill-jeddijiet u libertajiet maħsuba fil-Konvenzjoni, l-artikolu 14 ma jkunx japplika lanqas;

"Illi r-rikorrent ma wera bl-ebda mod li d-deċiżjoni meħuda mill-intimat Avukat Ġenerali biex jitlob il-firda tal-kawżi bejn di Bartolo u r-rikorrent kienet waħda diskriminatorja fis-sens hawn fuq imfisser. Bil-firda miksuba, kemm ir-rikorrent u kemm di Bartolo baqgħu fl-istess ilma, jiġifieri t-tnejn li huma jridu jgħaddu ġuri dwar l-akkużi mressqa kontrihom. Ir-rikorrent jgħid li l-fatt li l-ġuri kontra di Bartolo ser isir l-ewwel huwa minnu nnifsu diskriminatorju miegħu bi ħsara għalih. Imma l-istess kieku jkun jista' jingħad li kieku l-ġuri tar-rikorrent kellu jinbeda qabel dak kontra di Bartolo, kif ir-rikorrent qiegħed jitlob li għandu jsir. Il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha taċċetta atteġġament fejn persuna tilminta minn trattament diskriminatorju dwar għamil li hija nnifisha qiegħda titolbu bħala rimedju effettiv kontra l-ħsara li tgħid li qiegħda ġġarrab sewwasew minħabba l-istess għamil;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, lanqas dan it-tieni lment ma jista' jintlaqa';

"Illi r-rikorrent sejjes l-azzjoni tiegħu wkoll fuq l-artikolu 17 tal-Konvenzjoni. Dan l-artikolu jgħid li "*Ebda ħaġa li hemm f'din il-Konvenzjoni ma għandha tiġi interpretata li xi Stat, grupp jew persuna għandha xi dritt li tidħol f'xi attività jew tagħmel xi att maħsub biex jeqred xi wieħed mid-drittijiet u mil-libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni jew biex tillimitahom aktar minn dak provdut fil-Konvenzjoni*";

"Illi la r-rikorrent u lanqas l-intimat ma ressqu sottomissjonijiet dwar dan l-artikolu li l-istess rikorrent semma bħala wieħed minn dawk li fuqhom ressaq il-kawża tiegħu;

"Illi huwa mgħallem li tnejn huma l-għanijiet wara l-imsemmi artikolu tal-Konvenzjoni: l-ewwel wieħed hu li jiżgura li la persuni u lanqas gruppi ma jinqdew ħażin mill-jeddijjiet mogħtija fil-Konvenzjoni biex iġibu ħsara lill-istess jeddijiet ta' persuni jew gruppi oħrajn; it-tieni wieħed hu li jżomm lill-awtoritajiet pubbliċi milli joħonqu t-tħaddim u t-tgawdija tal-jeddijiet tal-Konvenzjoni għal raġunijiet mhux xierqa jew saħansitra bil-ħsieb li jxekklu dik it-tgawdija. Dan l-artikolu wkoll, bħall-artikolu 14 dwar ħarsien minn

trattament diskriminatorju, "*does not have an independent character, and that its violation is necessarily connected with one or more of the rights and freedoms enumerated in Section I of the Convention and its Protocols. The nature and degree of such connection may vary, depending on whether Article 17 is invoked against an individual or against a State*";

"Illi minn dak li jissemma fir-rikors promotur, ir-rikorrent jidher li jippunta subgħajh lejn l-intimat f'dan ir-rigward. Jekk il-Qorti fehmet sewwa, ir-rikorrent jixli lill-Avukat Ġenerali li bl-għażla tiegħu fit-tfassil tal-Att tal-Akkuża wettaq għamil maħsub biex iġib fix-xejn il-jedd tiegħu għal smigħ xieraq. Il-Qorti tqis li din ix-xilja tar-rikorrent hija mġebbda wisq. Id-diskrezzjoni li nqeda biha l-intimat Avukat Ġenerali biex fassal l-Att tal-Akkuża kontra r-rikorrent ntwera diġà li ma ġabitx ksur tal-jedd tar-rikorrent għal smigħ xieraq. Minbarra dan, lanqas ma jista' jingħad li l-istess intimat mexa b'mod li ġab fix-xejn il-garanziji li l-liġi tagħti lir-rikorrent biex jiddefendi ruħu kif imiss fil-proċess li jrid isir kontra tiegħu;

"Illi minħabba f'hekk, il-Qorti ma ssibx li r-rikorrent ġarrab ksur tal-jeddijiet tiegħu lanqas taħt l-artikolu 17 tal-Konvenzjoni, u għalhekk it-talbiet tiegħu ma jistgħux u m'humiex sejrin jintlaqgħu;"

3. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tal-15 t'April 2013 li għalih il-konvenuti wieġbu fit-2 ta' Mejju 2013.

4. L-ewwel aggravju huwa dwar il-leġittimazzjoni passiva tal-konvenut Direttur tal-Qrati u Tribunali Kriminali ["id-Direttur"].

5. L-attur igħid illi d-Direttur għandu jkun parti fil-kawża biex iwieġeb għat-talba "li jpoġġi fuq il-lista għas-smigħ il-każ tal-esponent b'mod li dan jiġi deċiż definitivament qabel dak ta' Piero di Bartolo". Kompla jfisser illi din it-talba:

"… tippreċiza wieħed mill-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex id-drittijiet tiegħu jiġu prottetti u salvagwardati. Tali miżura tikkonsisti f'implimentazzjoni ta' rimedju effettiv li qiegħed jitlob ir-rikorrent u *cioè* li s-smigħ tal-proċess tiegħu jsir qabel dak tat-terz sabiex b'hekk jiġi minimizzat il-preġudizzju li nħoloq fil-konfront tad-difiża tiegħu bil-mod kif aġixxiet il-prosekuzzjoni. L-ewwel qorti erronjament

indikat li r-reġistratur jagħmel dak l-għemil amministrattiv sabiex jiġu skedati s-smigħ tal-proċeduri b'ġuri b'konsultazzjoni mal-Qorti Kriminali. Dan għaliex l-artikolu 439 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi r-regoli ta' kif jiġi appuntat is-smigħ. Dan jiddependi fuq id-data meta jkun ġie preżentat l-att ta' akkuża jekk il-qorti ma tingħatax raġuni tajba sabiex l-appuntament tas-smigħ jiġi pospost. Għalhekk l-għemil amministrattiv sabiex proċess jigi skedat jibqa' fir-responsabbilità tar-reġistatur. Huwa għalhekk li l-esponent bir-rispett jissottometti illi mhux biss ir-reġistratur huwa leġittimu kontradittur għaliex għandu s-setgħa li jimplimenta dan ir-rimedju iżda anke għaliex minħabba r-responsabbilità amministrattiva tiegħu l-ġudizzju jkun sħiħ meta huwa jkun fil-proċeduri f'liema qiegħed jiġi mitlub issir ordni fil-konfront tiegħu."

6. Dan l-aggravju huwa fieragħ. Ir-Reġistratur tal-Qorti Kriminali jimxi fuq l-ordnijiet li jingħatawlu minn dik il-qorti, u ma jweġibx hu għal dawk l-ordnijiet. Jekk, sabiex jitħarsu l-jeddijiet tal-attur, ikun tassew meħtieġ li proċess bil-ġuri tal-attur isir qabel dak ta' ħaddieħor, din il-qorti tagħmel dikjarazzjoni f'dan is-sens, u jkun imbagħad imiss lill-Qorti Kriminali li tmexxi l-proċess b'mod li jkun kompatibbli mal-jeddijiet tal-attur, u r-reġistratur jimxi fuq l-ordnijiet li tagħtih *dik* il-qorti.

7. Billi iżda ma huwiex ir-reġistratur li jwieġeb għall-ordnijiet li jingħatawlu, sewwa qalet l-ewwel qorti li mhux postu fil-kawża tallum, u l-aggravju – li din il-qorti tqisu x'aktarx fieragħ – huwa miċħud.

8. It-tieni aggravju huwa dwar il-jedd għal smigħ xieraq. L-attur igħid, bħala daħla għal dan l-aggravju, illi:

"… meta quddiem il-Qorti Kriminali l-prosekuzzjoni bidlet l-akkuża sabiex minn ko-akkużat lir-rikorrenti takkużah bħala l-awtur tar-reat ġiet ippreġudikata d-difiża tal-appellant b'tali mod li ġie mittiefes il-principju ta' *equality of arms*, ġiet mittifsa l-preżunzjoni tal-innoċenza, u li d-diskrezzjoni tal-prosekutur hija arbitrarja u irraġonevoli; b'hekk ġie vjolat id-dritt għal smigħ xieraq protett fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea."

9. Kompla jfisser illi, għalkemm il-proċeduri tal-kumpilazzjoni u dawk quddiem il-Qorti Kriminali huma separati, madankollu, għall-għanijiet tal-ħtieġa ta' smigħ

xieraq huma marbuta ma' xulxin għax "id-difiża tibda tiġi mfassla mill-anqas hekk kif persuna tkun mixlija anke jekk quddiem qorti bħala istruttorja". Issa sejjer ikollu jibdel il-linja tad-difiża tiegħu fid-dawl tal-bdil fl-akkużi, u jgħid illi dan huwa bi preġudizzjoni għall-jedd tiegħu li jkollu smigħ xieraq,

10. Dan l-aggravju huwa msejjes fuq l-illużjoni illi l-jedd ta' min hu mixli quddiem qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali huwa mhux li l-proċess jitmexxa b'mod li jiggarantixxi li jingħata smigħ xieraq iżda li jitmexxa b'mod li jiggarantixxi eżitu favorevoli għalih.

11. Ix-xiehda li tinġabar waqt il-kumpilizzjoni sservi wkoll biex ikunu preċiżati aħjar l-akkużi li jistgħu jinġiebu u huwa biss meta jinbeda l-ġuri fuq l-att tal-akkuża fil-forma finali tiegħu illi l-akkużi jkunu kristallizzati, u huwa fuq dak l-att ta' akkuża illi l-akkużat ikun imsejjaħ biex jiddefendi ruħu. Ma jistax jippretendi illi jekk, waqt il-kumpilazzjoni, jinkixfu fatti ġodda, dawn ma jiġux riflexxi fl-akkużi, daqs-kemm ma jiġux skartati fatti ġodda li jkunu favur l-akkużat. Ma huwiex jedd tal-akkużat li jagħżel hu fuq xiex jiġi mixli, daqskemm ma huwiex jedd tal-akkużat li l-akkużi jkunu miġjuba b'mod li jagħtih l-aħjar possibilità li ma jinstabx ħati, kif, fl-aħħar mill-aħħar, qiegħed ifittex li jikseb l-attur bil-proċeduri tallum.

12. L-akkuża ma hijiex kundanna, u l-akkużat jibqa' jitqies innoċenti ta' dak li bih ġie mixli, ikunu xi jkunu l-akkużi, sakemm ma jkunx hemm deċiżjoni ġudizzjarja fuq il-ħtija jew innoċenza tiegħu. Il-fatt illi, wara li tintemm il-kumpilazzjoni, jinbidlu l-akkużi ma jfissirx illi l-akkużat issa beda jitqies ħati tal-akkużi l-ġodda; ifisser biss illi, fid-dawl tax-xiehda miġbura waqt il-kumpilazzjoni, il-prosekuzzjoni hija tal-fehma illi aktar huwa xieraq illi jinġiebu dawk l-akkużi. Xorta iżda fuq il-prosekuzzjoni jibqa' l-oneru li dawk l-akkużi tagħmel il-prova tagħhom lil hemm minn kull dubju raġonevoli, u waqt il-ġuri l-akkużat xorta jkollu kull opportunità li jressaq xiehda u jiddefendi ruħu.

13. Bħala aggravju ieħor l-attur jilmenta wkoll illi bis-separazzjoni tal-proċessi tiegħu u ta' di Bartolo, dan tal-aħħar issa jkun jista' jinġieb biex jixhed kontrieh. Ikompli jgħid hekk:

"Id-drittijiet tiegħu f'dawn iċ-ċirkustanzi ġew mittiefsa għaliex xhieda li jistgħu jixhdu fil-każ tiegħu issa ma

humiex sejrin jixhdu fil-proċess tat-terz li huwa intimament konness ma' dak tar-rikorrent; xhieda tat-terz issa ssir ammissibbli kontra r-rikorrent bir-rikorrent ma jkollu ebda kontroll fuqha, ġurija tkun konsapevoli li t-terz ingħata verdett dwar reat konness imma anqas oneruż u dan mingħajr ma r-rikorrent ikun ipparteċipa fil-proċess tat-terz; id-dritt tar-rikorrent li ma jixhidx jiġi mxekkel għaliex jista' jiġi msejjaħ xhud fil-process tat-terz u dawn fost preġudizzji oħra.
*"Inoltre* meta wieħed jikkunsidra illi r-rikorrent issa qiegħed jiġi msejjaħ jirrispondi għal akkuża ta' awtur tar-reat wara li jkun lest is-smigħ tal-proċess tat-terz dan iqiegħdu f'sitwazzjoni fejn huwa sejjer ikollu oneru ta' prova aktar doveruza [oneruża?] minn dak li kien mistenni minnu kieku l-proċess baqa' miexi kif mibdi."
14. Dan ma hu minnu xejn. X'jiġi fil-proċess tat-terz mhux sejjer jolqot il-proċess kontra l-attur għax, jiġri x'jiġri fil-proċess tat-terz, u jsirx dan il-proċess qabel jew wara dak tal-attur, xorta jibqa' l-oneru tal-prosekuzzjoni fil-każ tal-attur li tagħmel il-prova tagħha lil hemm minn kull dubju raġonevoli. Min jixhed u min ma jixhidx fil-każ tat-terz ma jinteressax lill-attur; li jinteressah huwa li hu jkollu l-jedd li jressaq ix-xiehda tiegħu u illi jikkontro-eżamina lix-xhieda tal-prosekuzzjoni fil-każ tiegħu. Jekk ix-xiedha tat-terz – ta' di Bartolo – issa ssir ammissibbli fil-każ tal-attur, dan ma jistax joġġezzjona għaliha għar-raġuni biss illi d-difiża tiegħu tkun aktar faċli mingħajr dik ix-xiehda. Minkejja dak li jippretendi l-attur, ma għandu ebda jedd fondamentali li jinsab innoċenti jew li xhieda li ma jgħinuhx ma jitħallewx jixhdu. Il-jedd li għandu hu illi, jekk jidhirlu, jagħmel kontro-eżami lil di Bartolo bħal ma jista' jagħmel kontro-eżami tax-xhieda kollha tal-prosekuzzjoni.
15. Lanqas ma hu minnu illi, għax jista' jissejjaħ biex jixhed fil-każ ta' di Bartolo, il-jedd tal-attur li ma jixhidx jiġi mxekkel. Dejjem jibqagħlu l-jedd li ma jixhidx jekk ikun tal-fehma li b'hekk jikxef xi ħtija tiegħu. Jekk, imbagħad, għal raġunijiet tattiċi, jidhirlu li jkun aħjar għad-difiża tiegħu li jixhed, dik dejjem tibqa' għażla ħielsa tiegħu. Imneżża mis-sofiżma, l-argument tal-attur huwa illi, jekk ma tinġiebx xiehda kontrieh, ma jkollux għalfejn jixhed; jekk tinġieb xiehda kontrieh, x'aktarx ikollu jixhed hu biex jirribatti dik ix-xiehda kontrieh, u b'hekk ikun "imġiegħel" li

jixhed hu biex jirribatti dik ix-xiehda. Dan l-argument huwa assurd.

16. L-attur jgħid ukoll illi l-fatt illi huwa l-prosekutur "… li jagħżel huwa l-fatti sabiex iressaq l-akkuża, u li jitlob is-separazzjoni tal-ġudizzju u b'konsegwenza ta' dan jeffettwa l-proċedura b'tali mod li jeffettwa wkoll l-andament tal-provi, jindika b'mod ċar li l-prosekuzzjoni u d-difiża ma għandhomx f'dawn il-proċeduri ugwaljanza ta' drittijiet fl-andament tal-proċeduri. Il-principju ta' *equality of arms* li huwa meħtieġ sabiex ikun hemm smigħ xieraq jirrikjedi li kemm il-prosekuzzjoni kif ukoll id-difiża jkollhom l-istess drittijiet fil-proċess".

17. Il-prinċipju ta' *equality of arms* ma jfissirx illi l-prosekuzzjoni u d-difiża jkunu f'pożizzjoni identika. Forsi jrid l-attur illi hu, bħall-prosekuzzjoni, jkun mistenni illi jagħmel prova tal-każ tiegħu lil hemm minn kull dubju raġonevoli, biex ikun hemm ugwaljanza? Iżda dan ma jkunx aktar assurd mill-pretensjoni tiegħu li jkollu *voce in capitolo* daqs tal-prosekuzzjoni fit-tfassil tal-akkużi. Kif sewwa qalet l-ewwel qorti:

"… il-prinċipju tal-"*equality of arms*", fil-qafas ta' proċediment kriminali "*where the very character of the proceedings involves a fundamental inequality of the parties, ... entails that the parties must have the same access to the records and other documents pertaining to the case, at least insofar as these may play a part in the formation of the court's opinion. ... Each party must be given the opportunity to oppose the arguments advanced by the other party. ... The principle further entails that the parties are afforded the same opportunity to summon witnesses. ... In addition, the parties must have the same possibility to call experts and these should in turn receive the same treatment*".[1]"

18. Il-fatt illi prosekuzzjoni u difiża għandhom rwol differenti u, kompatibilment ma' hekk, għandhom ukoll drittijiet u fakoltajiet li ma humiex identiċi, ma jmurx kontra l-prinċipju tal-*equality of arms.*

19. L-attur igħid ukoll illi l-prosekuzzjoni nqdiet b'mod arbitrarju u abużiv mid-diskrezzjoni tagħha. Igħid illi:

---

1 Van Dijk *et al.* Theory and Practice of the European Convention of Human Rights, § 10.5.2.

"… fil-bdil tal-att tal-akkuża l-prosekuzzjoni eżerċitat diskrezzjoni ta' natura kważi ġudizzjarja u dan b'mod arbitrarju. Il-prosekuzzjoni tħalliet fil-proċeduri kontra r-rikorrent tfassal, tagħżel u tagħti l-interpretazzjoni tagħha dwar iċ-ċirkostanzi tal-każ in kwistjoni b'tali mod li għażlet hi timposta l-każ. F'dan il-każ però ma ezercitatx din id-diskrezzjoni fi stadju meta d-difiża tar-rikorrent ma kinitx tiġi preġudikata iżda għażlet li tagħmel hekk fi stadju fejn il-preġudizzju lir-rikorrent ma jistax jiġi korrett. Dan sar ukoll b'arbitrarjetà mhux biss għaliex il-provi miġbura fil-kumpilazzjoni ma jwasslux għal tali akkuża fil-konfront tar-rikorrent iżda anke għaliex l-istess prosekutur għażel li jagħmel dan għab-bażi ta' istint. Biex ikompli però jippreġudika d-drittijiet tad-difiża l-prosekutur ingħata wkoll il-possibilità li jissepara l-proċessi bil-konsegwenzi fuq spjegati li dan iġib miegħu."

20. Dawn ma humiex ħlief asserzjonijiet gratuwiti. Ġà rajna illi, daqskemm l-akkuża ma hijiex kundanna, daqstant ieħor l-akkużat ma għandux jedd jagħżel hu b'liema akkużi jiġi mixli: dik l-għażla tmiss leġittimament lill-prosekuzzjoni. Lanqas ma jista' l-akkużat, kif jippretendi l-attur, iċaħħad lill-prosekuzzjoni milli tfassal l-akkużi fuq fatti li lill-istess prosekuzzjoni jidhrilha li jkunu ħarġu waqt il-kumpilazzjoni. Dan ma joħloq ebda preġudizzju lill-akkużat għax hu wkoll ikollu fakoltà jressaq xiehda favur it-teżi tiegħu, kif ukoll li jagħmel kontro-eżami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni. Jekk imbagħad "il-provi miġbura fil-kumpilazzjoni … jwasslux għal tali akkuża" hija ħaġa mħollija għad-deċiżjoni, mhux tal-akkużat jew tal-prosekuzzjoni, iżda tal-imħallfin tal-fatt. Li l-prosekuzzjoni mxiet "b'istint" hija biss asserzjoni gratuwita tal-attur.

21. Lanqas is-separazzjoni tal-proċessi ma toħloq xi preġudizzju illeġittimu. Jekk, minħabba f'dik is-separazzjoni, ikunu jistgħu jinstemgħu xhieda li, li kieku l-proċessi ma nfirdux, ma kinux ikunu jistgħu jixhdu, u hekk tinkixef xi verità li ma tkunx taqbel jew togħġob lill-attur, b'hekk ma jinkiser ebda dritt, għax l-attur ma għandu ebda jedd illi jippretendi illi xiehda ma tingħatax sempliċement għax sfavorevoli għalih.

22. L-aħħar aggravju tal-attur huwa illi l-prosekuzzjoni nqdiet bid-diskrezzjoni tagħha b'mod diskriminatorju, għax "huwa ġie trattat anqas favorevoli minn ieħor fl-istess

pożizzjoni u dan b'mod arbitrarju". Ifisser dan l-aggravju hekk:

"Fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u tas-smigħ xieraq ma huwiex permess li għaliex persuna tfittex id-drittijiet tagħha hija tiġi preġudikata. Però konsegwenti għat-talba tar-rikorrent sabiex il-kwestjoni kostituzzjonali tigi riferita lill-onorabbli qorti u l-għoti taż-żmien lilu sabiex iressaq dan l-ilment quddiem il-qorti wassal għal manuvra tal-prosekuzzjoni li titlob is-separazzjoni tal-ġudizzju. … [L]-esponent jissottometti bir-rispett illi anke jekk huwa permess bil-liġi bħala li jaqa' fid-diskrezzjoni tal-prosekuzzjoni ma jistax jiġi użat b'mod arbitrarju u b'tali mod li jippreġudika lil dak li jkun qiegħed ifittex id-drittijiet tiegħu. Il-fatti tal-każ juru biċ-ċar li t-talba għas-separazzjoni tal-proċeduri saret fit-terminu impost mill-Qorti Kriminali lir-rikorrent sabiex dan jippreżenta dawn il-proċeduri kostituzzjonali. Ma kinitx talba li saret qabel ma ġie prezentat l-att tal-akkuża originali, jew mal-bdil tiegħu, jew wara li ġie milqugħ mill-Qorti Kriminali li tinbidel l-akkuża, iżda b'mod sinifikanti din it-talba ġiet biss preżentata bħala risposta jew bħala konsegwenza tal-fatt li r-rikorrent għażel li jfittex stharriġ ġudizzjarju dwar dawn l-istess fatti quddiem din il-qorti.

"L-esponent jissottometti bir-rispett illi dan jammonta għal dak l-aġir arbitrarju li ma huwiex permess fi smigħ xieraq u għal dak l-aġir arbitrarju u abużiv li l-Konvenzjoni Ewropea tipprojbixxi fl-implimentazzjoni tad-drittijiet kontenuti fiha."

23. Din l-asserzjoni tal-attur – illi l-prosekuzzjoni talbet li l-proċess tal-attur u dak ta' di Bartolo jimxu kull wieħed għal rasu biex "tpattiha" lill-attur talli talab referenza kostituzzjonali – hija għal kollox gratuwita u msaħħa b'ebda prova. *Post hoc* ma jfissirx bilfors *propter hoc*. Il-prosekuzzjoni għandha d-dmirijiet tagħha, u fuq quddiem nett hemm dak li tmexxi l-proċess b'mod li l-aktar iwassal biex tinkixef il-verità, sew jekk favur u sew jekk kontra l-akkużat. Fost l-għodod li għandha biex tagħmel hekk hemm dak li tagħżel jekk il-proċessi jimxux flimkien jew kull wieħed għal rasu. Kif jistqarr l-attur stess fis-silta miġjuba fuq, meta l-prosekuzzjoni tagħmel dik l-għażla tkun qiegħda tinqeda b'setgħa mogħtija lilha mil-liġi u, sakemm ma jintweriex illi sar użu minn dik is-setgħa minħabba konsiderazzjonijiet li ma humiex relevanti, jew

b’xi mod ieħor li ma hux raġonevoli, ma jistax jingħad illi saret diskriminazzjoni bi ksur tal-jeddijiet fondamentali. Ma nġiebet ebda prova li l-prosekuzzjoni nqdiet abużivament bid-diskrezzjoni fdata lilha mil-liġi; asserzjoni gratuwita ma hijiex prova.

24. Għar-raġunijiet mogħtija mill-ewwel qorti, li din il-qorti tagħmilhom ukoll tagħha u li ma hemmx għalfejn tirrepetihom, ma ntweriet ebda diskriminazzjoni bi ksur tal-art. 45(2) tal-Kostituzzjoni jew l-art. 14 tal-Konvenzjoni.

25. Dan l-aggravju wkoll huwa għalhekk miċħud.

26. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tiċħad l-appell, li tqisu x’aktarx fieragħ, u tikkonferma f’kollox is-sentenza appellata. L-ispejjeż tal-appell iħallashom l-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------